MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 318/2008

**A B**

**-vs-**

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta fl-4 ta' Settembru 1983 (vide Dok. JP1);

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 225) tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, l-initmata C D B ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat is-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li, ghalkemm, permezz tal-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2010, l-intimata ghazlet li ma tressaqx sottomissjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-1983. Ir-rikorrenti huwa diplomatiku fi hdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, filwaqt li l-initmata hija ghalliema. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Tul is-snin, ir-rikorrenti, minhabba impenji ta' xoghol u ta' studju, qatta' hafna snin barra minn Malta. Gie li kien akkompanjat mill-familja u gie li mar wahdu. Iz-zwieg sfaxxa. Issa, wara dawn is-snin kollha, ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' a tenur tal-Art. 19 (1) (d) u/jew (1) (f) u/jew (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tressqu bhala prova mill-istess rikorrenti affidavit tieghu stess u affidavit qosra ta' hamsa min-nies ukoll li kollha jafuh b'relazzjoni mal-impenji diplomatici tieghu. Xhieda ta' membri tal-familja ma ngabitx. Lanqas ma tressqet tixhed l-intimata in subizzjoni.

Ghar-rigward tal-vizzju tal-kunsens li tipprovdi ghalih il-ligi fl-Art. 19 (1) (d), dawn il-Qrati jirritjenu illi:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within*", ("**Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

"Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju", ("**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995).

Mill-ftit xhieda prodotta, il-Qorti ma tqisx illi xi wiehed mill-partijiet kien f'din is-sitwazzjoni fil-mument taz-zwieg.

Ghalkemm ir-rikorrenti jsemmi li martu dejjem indeciza ma gab ebda prova ta' xi difett serju daparti taghha.

Ir-rikorrenti jinvoka ukoll il-vizzju tal-kunsens a tenur tal-Art. (1) (f). Ir-rikorrenti jsostni li hu kien mohhu fil-karriera u l-istudji tieghu. Hbieb tieghu li xehedu kollha kkonfermawh. Madanakollu, il-Qorti ma gietx sodisfatta li, fil-mument taz-zwieg, huwa eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu.

Tant u hekk illi ghex ma' martu ghal snin twal, u kellu tfal maghha u rabbewhom flimkien. F'hafna fil-vjaggi tieghu, martu u uliedu kienu mieghu, anke ghal snin twal f'pajjizi boghod ferm minn Malta. Ir-rikorrenti donnu jrid iwassal lill-Qorti ghall-fehma li persuna li jkollha b'ghazla karriera importanti u li tehodha ghal hafna zmien mill-familja, tkun bilfors poggiet il-karriera fuq il-familja, tant li tkun pozittivament eskludiet iz-zwieg. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-atteggjament "impingi". Il-Qorti tuza dan id-diskors ghaliex mhux talli ma ngabitx prova sodisfacenti tal-eskluzjoni qabel il-mument tal-kunsens, talli lanqas dak li gara fil-hajja tal-familja wara ma kien barra min-normal ghall-persuna ta' karriera.

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

Fl-ahharnett, ir-rikorrenti jsemmi ukoll l-Art. 19 (1) (h). Dan il-provvediment testwalment jghid hekk:

"*(h) Jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*"

Xejn mill-ftit provi prodotti ma juri li xi hadd mill-partijiet kien ibati minn xi nuqqas fis-sens li tipprovdi ghalih il-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------